**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' Mejju, 2025

Rikors Ġuramentat: 159/24AL

**A B f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' ibnu minuri C B**

**vs.**

**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur intavolat fl-1 ta' Awwissu 2024[1] li permezz tiegħu ppremetta kif ġej:

*1 (a) Premess illi ssir Referenza ghad-Dokument hawn mehmuz DOKUMENT RRA li fih hemm kompriz id-Digriet ta` dina l-Onorabbili Qorti datat 4 ta' Gunju, 2024, fejn hemm l-Awtorizazzjoni ta` dina l-Onorabbili Qorti { ippreseduta mill-Onorevoli Mhallef ABIGAIL LOFARO } biex tkun tista` isehh u tigi ntavolata dina l-kawza, kif in effetto issa qieghed isehh, u dana skont it-termini legali.*

[1] Fol. 1.

*(b) Premess illi d-Dokument RRA (li kopja legali tieghu ttimbrata ufficjalment nhar it-23 ta' Lulju, 2024, qedha tigi hawn mehmuza mal-ELENKU TAD-DOKUMENTI fir-Rabgha Taqsima ta` dina l-Kawza Citazzjoni) jikkontjeni fih dokumentazzjoni rilevanti li jindikaw lil dina l-Onorabbili Qorti l-iter li wassal biex inghata d-Digriet tal-Awtorizazzjoni u li jfissru x-xenarju fattwali u legali ghala l-Attur de proprijo et nomine qed jghamel it-Talbit tieghu bhala missier sincier u risponsabbili versu l-ghaziz ibnu minuri, waqt illi jitlob illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata eskluzivament f'idejh, minghajr pregudizzju biex l-intimata konvenuta omm il-minuri taccedi f`parametri kontrollati ghall-iben minuri, stante li hemm suspetti fondati li l-konvenuta ghandha htiega imminenti ta` attenzjoni psikjatrika u dana ghall-ahjar interess u harsien tal-partijiet kollha involuti, partikularment l-interess supremi tal-minuri!!*

*(c) Premess illi ghandha ssir referenza ghall-Affidavit tal-Attur Rikorrenti A B datat 26 ta' Marzu, 2024, b`sitt Pagni, ghall-gharfien ahjar ta` x`wassal biex eventwalment l-Attur spicca fuq ordni tal-Qorti biex jintavola dina l-kawza billi, ma kellux triq ohra minhabba l-attegjament negattiv tal-konvenuta omm ibnu minuri C, illum ta` sebgha snin. Ghall-ibnu, l-Attur jghamel dak kollu li huwa mehtieg, anke b`sagrifficji fizici u finanzjarji, kif huwa del resto ovvju.*

*(d) Premess illi ssir referenza ghal RISPOSTA tal-konvenuta li fiha tlett pagni u hija datata 17 ta` April, 2024, izda mhix mahlufa. Importanti n-NOTA TAD-DIRETTORAT GHALL-HARSIEN TAT-TFAL datata 31 ta' Mejju, 2024, u r-Rapport mehmuz maghha datat 7 ta' Mejju, 2024 (Dokument EA ), sitt pagni, inkluz Rakkommandazzjonijiet: dawna kollha inkluzi fid-Dokument RRA.*

*2. Premess illi ssir Referenza ghall-Affidavit Dokument RRA 1, li fih 20 Pagna, mahluf nhar il-Hamis, 1 ta' Awwissu, 2024, fir-Registru tal-Qorti tal-Familja, kwantu ghal tmintax-il-Pagna, peress illi Pagni 19 u 20 hemm indikat ir-Referenzi bhala Dokumenti li qedghin jigu esebiti ghat-tishih tal-verosimiljanza ta' dak kollu li qed jahlef l-Attur, u fejn hemm inkluz ukoll l-ismijiet tax-xhieda kollha li fi hsiebu jtella` u jipproduci l-Attur ghall-konferma ta` dak kollu li qed isostni u ghar-rakkomandazzjonijiet li qieghed umilment jissottometti li dawna jiffurmaw il-bazi tat-Talbit tieghu f'dina l-kawza bhala Pater Bonus Familia: dana d- suprem tal-iben minuri u Dokument huwa l-Blata li fuqha hija mibnija dina l-kawza fl-interess l-kura mentali u psikologika li tinhtieg il-konvenut li*

*ghandha karattru mharbat, hajjitha mharbta, u mhix addattata bhala omm ghal dawna r-ragunijiet li qedghin u sejrin jirrizultaw.*

*3. Premess illi ssir REFERENZA ghad-DOKUMENTI RR 2 SA RR 20, 19 il-Dokument li huma rilevantissimi biex jissostanzjaw dak li fisser l-Attur fiz-zewg Affidavits li pprezenta, partikularment dak tal-Hamis, 1 ta` Awwissu, 2024: Dokument RRA 1, hawn fuq su referut.*

*4. Premess illi ssir referenza ghad-Dokument RRA 2 li jindika bic-car it-tbghatija ta` bejn l-Attur u ibnu minhabba l-ghebusija ta` ras, attegjament vendikattiv u rrisponsibilita assoluta da parti tal-intimata li deliberatament tibqa' tirrifjuta ripetutivament biex tohloq kwistjonijiet halli l-minuri ma jarax u ma jkollux access ghall-Attur missieru: u dana biex il- konvenuta tuza dina l-pedina halli tisloh izjed flus minghand l-Attur, ezatt kif wetqet mar-ragel li kellha u issa nfirdet minnu, u allura D ghandha zewgt subien jirresjedu maggha izda l-ewwel interessi huma taghha!!*

*5. Premess illi jirrizulta ukoll bic-car in-nuqqas tad-Dipartiment tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal li biex jghamlu Rapport idumu hafna u spiss jispicca jigi ppregudikat il-missier, kif anke sehh fil-kaz odjern, mertu ta` dina c- Citazzjoni. Hawnhekk nghamlu Referenza ghad-Dokument RRA 3 fejn naraw Rikors b`Urgenza da parti tal-Konvenuta fit-3 ta' Novembru, 2023, fejn il-Konvenuta tutilizza bl-iktar mod sadist it-tattika taghha fejn ghattaparsi l-minuri ghandu xi sintomi ta` sahha u dana biex titfa` il-htija fuq l-Attur halli jgelghu johrog izjed flus biex jithalsu specjalisti jew tobba meta in effetto qatt ma jkollu dawna s-sintomi kull meta jkun ma` missieru l-Attur: il-Konvenuta tiffunzjona bi strategija kwazi satanika halli tipperswadi lill-minuri li huwa jbghati minn sintomi ta` sahha, meta dana mhux il-kaz. Il-konvenuta tbghati mid-dipressjonijiet qawwija u għalhekk huwa fl-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tinghata eskluzivament lill-Attur waqt li l-konvenuta jkollha access taht supervizjoni minhabba l-instabilita` mentali u psikologika taghha!!*

*6. Illi d-Dokument RRA 3 jinkludi ukoll il-kuntratt li l-Attur, kif fisser fl-Affidavit tieghu, kien kostret li jghamel biex ikun jista' jara lill-ibnu, meta l-konvenuta qaltlu li biex jara lill-ibnu iried "jaqlaghala" u għalhekk dana l-kuntratt in Atti Nutar Charmaine Sant datat 12 ta` Settembru, 2018, sar b`rikatt halli l-Attur ikun jista' jara lill-ibnu peress illi l-istess Pulizija kienu qalu lill-Attur li huma ma*

*jistawx jghinuh biex jara lill-ibnu jekk ma jkollux xi dokument ufficjali bil-miktub, bhal dana l-kuntratt: D tuza lill-ulieda halli takkwista, kif ghamlet lil zewgha u issa qedha tghamel lill- Attur:b`kull rispett nisrani, dina l-mara tikkwalifika bhala monstru socjali, u zgur mhux omm matura u risponsabbili !! L-Attur, kif qed jindika fit-Talbit tieghu, iried illi jsier kuntratt iehor mill-gdid, inkella l-Qorti timponi kundizzjonijiet godda fl- interess suprem tal-minuri, bil-kura u kustodja unikament f'idejn l- Attur, u access taht supervizjoni ghall-konvenuta li ghandha dipressjoni qawwija u ta' spiss tkun omm zbilancjata. Illi dina l-flagelazzjoni ta` sadizmu u krudelta` fuq il-minuri u fil-konfront tal-Attur bdiet immedjatament kif twieled il-minuri C, kif spjega l-istess Attur fl-Affidavit ewlieni li hawn issottometta. Azzjoni mmedjata trid titiehed fl-interess suprem tal-minuri: Ara l-wicc imbezza` tal-minuri f`Dokument E, infilzat mad-Dokument RRA 3, kif spjegat!! Hawnhekk issir referenza ghad-Digriet tal-Qorti datat 15 ta' Novembru, 2023, ukoll infilzat mad-Diversi Dokumenti fid-Dokument RRA 3. Vide ukoll id-Digriet tas-6 ta` Dicembru, 2023, parti integrali mad-Dokumentazzjoni fid-Dokument RRA 3.*

*7. Illi dina l-massivita` ta` Dokumentazzjoni tindika l-anzjeta tal-Attur missier dwar ibnu minuri u, ghalhekk, dawna d- Dokumenti jiffurmaw parti ntegrali minn dina l-kawza, kemm millat ta` evidenza, fatti, incidenti, u xhieda li l-Attur iried li jipproduci f`dina l-kawza biex twassal jew ghall-kuntratt gdid, inkella sentenza mill-Qorti fl-interessi supremi tal-minuri: kif sejrin u qed isehhu l-affarijiet, il-Minuri se jispicca jitlef il-bilanc ta` mohhu bl-isterizmi u l-atti ta` genn u rrisponsabbili da parti tal-konvenuta li tisthi tirreferi ghaliha bhala Avukat!!*

*8. Premess illi f'dana l-istadju nghaddu ghal sett iehor ta` Dokumentazzjoni, u cioe` Dokument RRA 4: huwa essenzjalissimu li jigi mifhum illi kull isem li jirrizulta f`dawna d-diversi Dokumenti għandu jitqies bhala xhud potenzjali f'dina l-kawza, ghadtilli l-Attur sejjer jirregola ruhu skont l-andament tal-kawza u l-provi li jitressqu: l-aħjar triq hija li l-konvenuta D tghamel kors ghall-istabilita` mentali u psikologika taghha, u taccedi ghall-minuri C skont id-Direttivi u Decizjonijiet tal-Qorti, filwaqt li thalli lill-minuri jizviluppa u jikber f`serenita` u imhabba ma` missieru.*

*9. Dokument RRA 4: dana huwa Dokument iehor fejn hemm diversi dokumenti ohra fih u li juri kemm ilu jissaporti l-Attur lill-Konvenuta, kemm ilu jghamel*

*spejjez fi proceduri legali u ta` natura ohra minhabba l-instabilita` tal-psikologija tal-konvenuta D li dejjem tara x'tohloq u tivvinta biex idahhal f'inkwiet u spejjez lill-Atur, xenarju li iktar ma jikber il-minuri, izjed qed isirlu hsara: ghalhekk essenzjalissimu li ISSA qabel IMBAGHAD, il-kura u kustodja tal-Minuri tghaddi ESKLUZIVAMENT f'idejn l-Attur li dejjem wera kemm habb lill-ibnu w qed jintwera kemm pajjizna mhux imhejji ghall-analizi serja ta` kazijiet bhal dawn, fejn dejjem tigi ppreferuta l-omm anke meta l-omm ma tkunx kompetenti kif inhuwa l-kas odjern: ghalhekk l-Attur b`hafna sagrificcji kien kostrett li jintavola dina l-kawza ghax ma thallitlux triq ohra, lanqas dik tal-Medjazzjoni kif hawn stess muri u ppruvat.*

*10. Premess illi d-Dokumenti kollha li qedghin jigu hawn ipprezentati f'dina l-kawza, KOLLHA KEMM HUMA, ghandhom jitqiesu bhala parti ntegrali minn dina l-kawza, bhala parti mill-provi, u ghandha ssir referenza ghalihom kemm bhala evidenza, kif ukoll bhala xhieda billi kull isem jew entita` li ghaliha qed issir referenza u hija ndikata ghandha titqies bhala potenzjalment xhud tal-Attur. Ghalhekk ghandhom ikunu inkluzi mal-Lista tax-xhieda.*

*11. Premess illi nirreferu ghall-ahhar sett ta` Dokumenti f`dina l-kawza, minghajr pregudizzju li jigu pprezentati iktar dokumenti gialadarba l-kawza tkun giet appuntata: dana biex il-Gustizzja ssehh fir-rigward tal-Attur missier u l-ghaziz ibnu C B ta` sebgha snin u riesaq ghat-tmien snin issa. Dan huwa d-Dokument RRA 5: dana d-Dokument fil-komplessita` tieghu, bhall-ohrajn li gew mehmuza, juri l-istrategiji qarrieqa tal-konvenuta u l-isforzi tal-Attur biex ixejjinhom. DAWNA D-DOKUMENTI KOLLHA huma parti ntima mill-Provi tal-Attur f`dina l-kawza u ghandhom hekk jigu meqjusa fit-tragit ghas-Sentenza Finali jekk ma jsehhx Ftehim Gdid kif qed jigi awspikat.*

*12. Premess dana kollu bid-dettalji, fatti, dokumenti u xhieda kollha hawn fuq indikati f`dawna l-PREMESSI, tghid il-konvenuta D E omm il-minuri C B, ghala dina `l wisq Onorabbili Qorti ma ghandix tidderegi, tippreciza, tindirizza, tenfasizza, tiddikjara u tordna illi :*

*II. TALBIT TAL-ATTUR A B F`ISMU U F`ISEM IBNU MINURI C B*

*A. illi malajr kemm huwa possibili, taht id-direzzjonijiet ta` dina l-Onorabbili Qorti, stante l-kundizzjoni mentali u psikologika tal-konvenuta D E, il-Minuri C*

*B ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja unika ta` missieru l-Attur fl-interess suprem tal-istess minuri u dana biex ma tibqalux isierlu iktar hsara mentali u fizika, psikologika u psikjatrika;*

*A1. Illi dana ghandu jfisser illi l-Minuri C B fl-interess suprem tieghu ghandu jintbghat jirresjedi u jghix ma' missieru - Attur, b'obbligu ta` hlas ta` manteniment da parti tal-konvenuta omm stante illi huwa minhabba d-deportament taghha bhala omm, illi C fl-interess tieghu ghandu jirresjedi ma` missieru l-Attur fejn ikollu l-imhabba u l-protezzjoni kollha paterna;*

*B. illi stante li l-Medjazzjoni fallit minhabba n-nuqqas ta` kooperazzjoni da parti tal-konvenuta b`mod deliberat, kif gie muri bid-dokumentazzjoni dettaljata mehmuza ma` dina l-kawza, ghandu jew isier ftehim gdid bejn il-partijiet kontendenti ffukat eskluzivament fuq l-interess suprem tal-minuri C B, inkella l-Onorabbili Qorti tghaddi ghal Sentenza definittiva fejn mhux biss l-interessi supremi tal-minuri jigu salvagwardati u mharsa minn kull lat sa` l-eta` ta` 23 sena jekk ikun il-kaz, imma oltre tigi mrazzna l-abbuzivita` tal-konvenuta li tinqeda bil-pozizzjoni taghha bhala omm biex kapricozament icahhad lill-Attur minn ibnu bir-rikkat ta` kwistjonijiet mahluqa rigward sahha halli ddahhal lill-Attur f`iktar spejjez waqt illi tkun qed twettaq izjed hsara lill-minuri kif spjegat fil-mori ta` dina l-kawza ;*

*B1. Illi dana jkun ifisser, per ezempju, li fil-Vakanzi tas-Sajf, il-konvenuta ma tkunx imcahda mill-Minuri s-Sajf kollu, imma jkun hemm hmistax -il-jum li fih l-intimata jkollha lill-binha maghha bil-proviso pero` illi f`dana l-perijodu ma jkunx hemm ebda forma ta` manteniment provdut mill-Attur missier: illi, ghalhekk, l-ahjar soluzzjoni tkun qbil kuntrattwali gdid bejn il- kontendenti genituri u, ovvjament, fin-nuqqas b`iktar spejjez, is-Sentenza definittiva tal-Qorti, soggetta skont il-proceduri legali;*

*B2. Illi f'dana x-xenarju, rigward it-transport tal-Minuri C (odjernament ghad ghandu 7 snin), it-tifel jingabar mill-genitur fil-hin preciz tal-access [ minghajr skuzi kif frekwentament tghamel il-konvenuta omm ], u l-genitur l-iehor jigbor lill-minuri fi tmien l-access: biss jista' ikun meqjus iktar sigur jekk l-access jibda u jintemm fl-Ghassa tal-Pulizija, tan-Naxxar jew tal-Qawra biex il-konvenuta ma toqghodx timplika li l-Attur qed ifixxilgha l-passi taghha (stalking}, kif kull*

*meta tkun [ ta' spiss !! ] f'dawk il-burdati orrifici taghha ghamel vjolentament il-konvenuta D fil-konfront tal-"martri" Attur missier;*

*B3. Illi pero' fil-Vakanzi tas-Sajf, u dana jghodd biss ghall-jiem tal-perijodu tas-Sajf, jekk l-Attur li ghadu missier zaghzugh relativament imma jkun qed jahdem bin-nofs ta' nhari, il-hin tal-Access ghall-Minuri jkun mit-3 ta' wara nofs-in-nhar sat-8 ta' filgħaxija, fil-perijodu ta` Access normali u mhux kif jigi regolat f'cirkustanzi differenti, kif qed jigi mplikat f'dawna t-Talbit Attrici;*

*C. Illi mal-icken abbuz da parti tal-konvenuta, l-Attur missier il-Minuri jkollu l-jedd illi jiehu minnufih il-Minuri b`semplicement avviz fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra jew tan-Naxxar, u jgharraf formalment lill-Qorti kif ippreseduta b'dak li jkun sehh, halli l-Qorti tiehu l-passi mehtiega u tenforzhom skond il-logika u l-ligi;*

*C1. Illi f'dana r-rigward, meta ikun hemm l-Access ghall-Minuri, dana ghandu jinhadem b'mod illi l-Access jibda mill-Gimgha fis-6 ta' wara nofs-in-nhar, sal-ghada s-Sibt, is-6 ta` wara nofs-in-nhar meta jingabar mill-genitur l-iehor kif hawn fuq deskritt; biss fil-gimgha ta` wara, l-Access ikun mill-Gimgha fis-6 ta` wara nofs-in-nhar sal-Hadd fis-6 ta` wara nofs-in-nhar: hawn l-Attur qed juri kemm huwa missier uman, kemm ihobb lill-ibnu, izda jifhem li l-konvenuta bid-difetti kbar u preokkupanti li ghandha, ma ghandix tigi mcahda mill-Minuri binha: l-Attur huwa Missier Hanin, Mizerikordjuz u Uman;*

*D. Illi, salv illi l-kura u kustodja tal-Minuri tkun eskluziva ghand l-Attur (kif ikun l-ahjar fl-interess suprem tal-Minuri), altrimenti ikun hemm ugwaljanza kompleta fid-drittijiet u obbligi tal-genituri fir-rigward tal-Minuri C, b`dana illi l-ebda naha ma` tista' tiehu decizjonijiet sui generis minghajr ma tikkonsulta l-genitur l-iehor dwar C, kif generalment dejjem ghamlet il-konvenuta b`detrimenti kbar kemm ghall-minuri kif ukoll ghall-Attur missieru;*

*E. illi, salv jekk il-kura u kustodja ta` C B tkun fdata eskluzivament f'idejn missieru l-Attur odjern, kwalsiasi decizjoni li tolqot lill-minuri, tkun xi tkun, ghandha tiġi mgharbula mal-genitur l-iehor, u dana minn kull lat, inkluz kwalsiasi medicinali li jinghataw, konsultazzjonijiet ma` tobba u professjonisti, kull forma ta' spejjez, kwalsiasi konsultazzjoni, u dana fl-interess suprem tal-minuri u minhabba li l-konvenuta wetqet abbuzi ta` dina x-xorta fir-rigward ta`*

*C u dejjem imbaghad riedet titfahhom fuq l-Attur fl-inkwadratura tal-istrategiji malinni taghha;*

*E1. Illi stante li l-Attur Missier il-Minuri ghandu u huwa provdut b` Polza tas-Sigurta` ghal sahhet il-Minuri u tieghu, kull meta jinqala' l-htiega li jkun hemm konsultazzjonijiet ta' natura medikali u ta` sahha, ghandha tintuza dina l-Polza ukoll mill-konvenuta meta l-Minuri jkun maghha jekk ikun il-kaz, u mhux kapricozament il-konvenuta tinjora l-Polza, imbaghad tippretendi li jhallas l-Attur meta setghet tkun koperta mill-Polza tas-Sigurta' ghal sahhet il-Minuri;*

*F. Illi jiem festivi ghall-genitur rispettiv, bhal Jum il-Missier, Gheluq zmien il-Missier, Nannit Paterni jekk ikun il-kaz, u l-istess ghan-naha l-ohra, ghandhom ifissru li f'dawk il-jiem festivi partikulari, il-Minuri iqattaghhom jekk possibili ma` dak / dik il-genitur; jiem festivi generali bhall-Milied / Sena Gdida, Birthdays tal-Minuri, Ghid, Vaganzi, dawna ghandhom jinqasmu ugwalment u alternattivament, biex b'hekk fic-cirkustanzi, l-ebda naha mill-genituri ma jigu / tigi pregudikati;*

*G. Illi dak li jkun ta` interess eskluziv ghall-Minuri, u dejjem ghall-ahjar benessere tieghu moralment u fizikament, ghandu jigi akkordat lilu b`kooperazzjoni assoluta bejn il-genituri: f'kaz ta` oppozizzjoni bla sens, l-awtorizazzjoni tal-Qorti ghandha tintalab: dana dejjem jekk il-kura u kustodja ta` C ma tkunx giet fdata fl-idejn ta` fiducja tal-Attur Missier (hawn ghandu jkun inkluz safar, attivitajiet barra d-dar u ma` shabu, hrug tal-Minuri ma` shabu, u dak kollu li zaghzugh qed jikber ikun iried iduq mill-hajja, purche` b`risponsabilita` morali );*

*H. Illi, salv jekk il-kura u kustodja tal-Minuri C tkun fdata ghand missieru l-Attur (kif tabilhaqq ikun gust u xieraq ), il-Minuri ghandu jkollu l-ghazla li kull meta jkun ghand missieru, huwa jkun jista' jiddetermina jekk joqghodx ghal` sleep overs` kemm jixtieq u mhux ikun ristrett biss ghal sleep over wahda kull darba, kif inhi s-sitwazzjoni bhalissa;*

*I. Illi l-konvenuta ma ghandix tiddeciedi hi ghand liema tabib tiehu lill-Minuri jekk ma jkunx hemm ukoll il-kunsens tal-Attur, u dana peress illi l-konvenuta diversi drabi ipproduciet certifikati medici minghajr ma deher prima facie li kien hemm*

*gustifikazzjoni ghalihom: dana  jirrizulta kjarament minn uhud mid-dokumenti li gew esebiti u huma hawn mehmuza;*

*J. illi kull forma ta` spejjez, gudizzjarji u extra gudizjarji, direttament u/jew indirettament abbinati ma` dina l-kawza, inkluz dawk abbinati mal - Medjazzjonijiet, ghandhom jigu sapportati mill-konvenuta peress illi huwa tort taghha d-disgwid li inqala` dwar il-Minuri u li wassal ghal dawna l-proceduri legali;*

*K. Illi l-Onorabbili Qorti ghandha tati dawk id-Direttivi, Struzzjonijiet, Rakkommandazzjonijiet, Ordnijiet li jkun jidhrilha xieraq u opportun, fl-interess suprem tal-Minuri, ghall-ahjar andament ta` dina l-kawza, l-ispeditezza taghha, u dana biex titnaqqas it-tensjoni li inevitabilment qedha tinholoq fil-Minuri, inkluz illi l-konvenuta titqieghed taht osservanza psikjatrika u psikologika minhabba l-burdati ta` ghajjat u rabja li spiss ikolla fil- konfront tal-Attur, missier ezemplari ;*

*L. Tant it-Talbiet umilissimi tal-missier A B fl-interess suprem ta` ibnu minuri C B, illum ta` 7 snin u fuqhom.*

Rat il-lista tax-xhieda;

Rat l-avviż tas-smiegħ datat 8 ta' Awwissu 2024;[2]

Rat illi fis-16 ta' Settembru 2024 il-konvenuta ntavolat risposta ġuramentata u kontro-talba;[3]

Rat illi fl-istess data l-konvenuta ntavolat rikors b'urġenza b'għadd ta' talbiet in konnessjoni mall-minuri C B[4] u r-risposta tal-attur[5] għall-istess fejn jgħid illi r-rikors għandu jiġi sfilzat għaliex il-konvenuta hija kontumaċi f'dawn il-proċeduri għaliex r-risposta ġuramentata ġiet preżentata ferm wara t-terminu skond il-liġi;

Rat illi b'digriet tat-2 ta' Ottubru 2024[6] il-Qorti dderiġiet lill-konvenuta tirregola ruħha dwar l-allegazzjoni li hija tinsab kontumaċi f'dawn il-proċeduri;

---

[2] Fol. 387.
[3] Fol. 391.
[4] Fol. 413.
[5] Fol. 518.
[6] Fol. 524.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tas-7 ta’ Ottubru 2024[7] dwar il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja;

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta’ Ottubru 2024[8] fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuta sabiex tħarrek lill-uffiċjali tal-Qorti inkarigati mir-riferta sabiex jixhdu;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-20 ta’ Novembru 2024[9] fejn il-Qorti tat provvedimenti in relazzjoni mal-minuri wara r-rikors tal-konvenuta tas-16 ta’ Settembru 2024;.

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tas-16 ta’ Jannar 2025;[10]

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawża tħalliet għal lum għas-Sentenza preliminari;[11]

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**Ikkunsidrat**

Permezz tal-azzjoni odjerna, il-konvenuta qiegħda titlob illi tiġi ġustifikata l-kontumaċja tagħha.  Hija tisħaq illi r-risposta ġuramentata tagħha ġiet intavolata fil-ħin skond it-termini tal-liġi u li għalkemm skond is-sistema tal-atti jidher illi hija ġiet notifikata fit-2 ta’ Awwissu 2024 dan lanqas huwa possibbli meta l-kawża ġiet intavolata fl-1 ta’ Awwissu 2024 u l-Avviż tas-Smiegħ nħareġ fit-8 ta’ Awwissu 2024.

L-attur jinsisti li l-verifiki kollha juru li l-konvenuta ġiet notifikata fit-2 ta’ Awwissu 2024 u jekk dan mhux il-każ trid tippruvah hija stess.  Jgħid li huwa jistrih fuq dak li juru u jindikaw l-atti proċesswali dwar in-notifika u għalhekk il-konvenuta għandha tiġi dikjarata kontumaċi.

[7] Fol. 546.
[8] Fol. 588.
[9] Fol. 589.
[10] Fol. 590.
[11] Verbal tas-16 ta’ Jannar 2025 a fol. 590.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikolu 158 tal-Kap 12 jipprovdi kif ġej:

*"(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*
*…*

*(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-atturli jkollu żmien qasir biex jirrispondi."*

Fil-kawża fl-ismijiet **Samchrome FZE vs Danko Koncar et**,[12] saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kenneth Abela vs Aplan Limited *et***,[13] fejn il-Qorti qalet illi: "*Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997); Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-termini procedurali la jista' jigi sanat b'adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentament hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghaliex ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta'*

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016 (Rik. Nru. 843/14).
[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Frar 2008.

*certezza u, wkoll, ta' uniformita*". *(Salina Wharf Marketing Limited –vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007)*".

Fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd**, deċiza fit- 28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet li:- *"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola*."

Jingħad fis-sentenza **AB vs CDE**[14] illi għalkemm il-kontumaċja titqies bħala diżrispett lejn il-Qrati madanakollu ma tfissirx jew timplika ammissjoni għat-talbiet attriċi u kif jingħad fl-Artikolu 158(10), il-konvenut dikjarat kontumaċi jista' jittenta jieħu lura d-drittijiet proċedurali biex b'hekk jieħu sehem sħiħ fil-proċeduri. Il-Qorti trid teżamina jekk l-intenzjoni tal-konvenut kienet waħda ta' diżinteress totali, *ċioé* kontumaċja bi ħtija, jew jekk l-intenzjoni tal-konvenut kienet li jikkontesta t-talba iżda naqas milli jagħmel hekk minħabba impediment ġust. In vista tal-prinċipju tal-*audi alteram partem* il-Qorti għandha l-obbligu li ladarba jidher il-konvenut, tara jekk għandux raġunijiet ġusti sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu.

*"Illi pero` sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, trid tkun gusta kawza ("Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"); u tali kawza gusta trid tikkonsisti fl-impediment legittimu (XXXVIII.i.393); biex ikun legittimu tali impediment irid ikun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci (XLII.i.811; XXIX.i.1581), b'dan ghalhekk li l-konkluzjoni logika ta' dawn il-principji huwa illi "f'materja ta'*

[14] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Nru. 289/21AL).

*purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire" ("Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia" A.C. 16 ta' Frar 1996.)"*[15]

Qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Calleja, George Calleja, Michelle Calleja, Michelangelo u Anna konjugi Calleja vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited**[16] illi**:** *"7. Ghal bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-eskluzjoni tal-konvenut milli jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet kien jigi adoperat ad unguem minn dawn il-Qrati izda, tenut kont ta' cirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesigu mitigazzjoni fir-regoli tal-procedura, l-istess Qrati bdew, fil-kazi fejn ikun hekk indikat u fl-ahjar sens ta' gustizzja, "ixellfu" din ir-rigidita` u dan sewwa sew minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja kienet iggib maghha. Fil-fatt jirrizulta – anke mid-diversi decizjonijiet citati miz-zewg partijiet fil-kawza – li l-Qrati taghna iddecidew li r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata.*

*8. Mal-milja taz-zmien anke l-legislatur hass il-bzonn li jintroduci emendi ghal dan l-istatut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza ghall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Iz-zmien ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet gie estiz ghal ghoxrin jum u fil-kaz ta' kontumacja nghatat anke l- possibilita` ta' prezentata ta' nota ta' osservazzjonijiet – in omagg tal-principju ribadit fil-gurisprudenza kostanti taghna li mqar jekk f'istat ta' kontumacja, il-parti mharrka kellha titqies bhala wahda li qeghda tirrimetti ruhha ghall-gustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t-talba.*

*…*

*Decizjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bhala punt ta' tluq ghal dak li jikkoncerna l-istitut tal-kontumacja u l-principji li ghandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo deciza mill-Qorti ta' l-Appell*

[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2003 (Ċit. Nru. 1135/2002).
[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2005 (Appell Ċivili Nru. 126/2003/1).

*(Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin; (1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja; (2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza; (3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta; (4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu; (5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci; (6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa; (7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"; (8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali. Dawn l-istess principji gew riaffermati f'diversi decizjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, u d-decizjoni fl-ismijiet Margaret Bugeja et vs Alfred E deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999."*

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Margal Ltd. Vs Eucharist Bajada**[17] jingħad illi "*Biex il-kontumacja tal-parti konvenuta tkun gustifikabbli, din trid tkun involontarja, mhux kolpuza (i.e., li tohrog minn ghemil traskurat), skatenata minn (jew rizultat ta') kawza gusta konsistenti f'impediment legittimu, tali impediment irid ikun indipendenti mill-volontà tal-konvenut, tali impediment jista' jkun frott ta' zball basta jkun wiehed invincibbli, tali impediment legittimu ghandu jkun fiziku u mhux wiehed merament morali."*

.

Il-konvenut li jaqa' kontumaċi għalhekk, jista' jittenta jiġġustifika tali posizzjoni tiegħu u dan biex jerġa' jikseb il-jeddijiet proċedurali u proċesswali tiegħu biex jirriattiva ruħu u jipparteċipa bi sħiħ fil-proċediment. Dan jagħmlu billi jressaq raġunijiet oġġettivi u tajbin biżżejjed li jiġġustifikawh u li jwasslu għall-maħfra tal-kontumaċja imposta fuqu.

## Ikkunsidrat

F'dan il-każ il-konvenuta tispjega illi l-attur intavola l-kawża tiegħu fl-1 ta' Awwissu 2024 u l-Qorti ħarġet l-avviż tas-smiegħ fit-8 ta' Awwissu 2024. Il-

[17] Deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fil- 5 ta' Frar, 2019 (Avviz tat-Talba Nru.: 64/2018KCX).

konvenuta ġiet notifikata fit-30 ta' Awwissu 2024 u hija daħlet ir-risposta ġuramentata tagħha fis-16 ta' Settembru 2024 u għalhekk ma hix kontumaċi. Hija tgħid li jidher biċ-ċar, u huwa ferm inkwetanti, illi l-folder bin-notifika ntmess u d-data tat-30 ta' Awwissu 2024 ġiet ingassata u minflok tnizzlet dik tat-2 ta' Awwissu 2024. Hija tgħid li lanqas jista' jkun li din kienet id-data tan-notifika meta f'dik id-data kien għadu lanqas ħareġ l-Avviż tas-Smiegħ.

Ġie mħarrek uffiċjal tal-Qorti[18] li ppreżentat kopja tal-ktejjeb li tikteb fuqu hi, fejn b'inka differenti mill-bqija tal-paġna, jidher imniżżel notament ta' din in-notifika fid-19 ta' Awwissu 2024. L-uffiċjal tal-Qorti tispjega illi hija jkollha biros differenti u huwa normali għaliha li tkompli b'biro differenti li ssib fil-karozza dak il-ħin. Irriżulta li l-inka ta' dik l-entratura taqbel ma' entraturi li saru fid-19, 20, 26 ta' Awwissu u ma' tas-27 ta' Lulju. Hija tgħid ukoll li fuq ir-riferta kien hemm żball u kien għalhekk li kien ingassat dak li jidher qisu numru 3. Tgħid li faċli ħafna jsir żball hekk meta tkun mgħaġġla għaddejja tagħmel ir-riferti. Meta mistoqsija tgħid għalfejn fl-entratura fuq il-ktejjeb tagħha hemm imniżżel id-19 ta' Awwissu 2024 hija tgħid li "*Jista' jkun sar żball ukoll u*". Hija tgħid in kontro-eżami li l-aħħar li ħadmet kien fit-2 ta' Awwissu u mbagħad siefret u reġgħet lura għax-xogħol fid-19 ta' Awwissu jiġifieri ż-żewġ dati huma possibbli. Hija baqgħet tinsisti li seta sar żball.

Il-Qorti rat l-atti fid-dettall u hija verament diżappuntata bil-mod li l-uffiċjali tal-Qorti proċedew f'dan il-każ. Il-Qorti tagħraf illi l-uffiċjali f'dan ix-xogħol għandhom kwantità ta' xogħol u li x-xogħol tagħhom huwa delikat u li faċli li wieħed jieħu żball fih, madanakollu wieħed irid japprezza li r-responsabbilità f'dan ix-xogħol hija enormi għaliex jista' jkollha impatt dirett fuq id-drittijiet li parti jista' jkollha jew jittiħdulha fil-Qorti. Dan is-sens ta' responsabbilità ma jidhirx li ġie apprezzat f'dan il-każ fejn sar żball wara ieħor tant li ma hu ċar xejn fejn hu l-iżball u l-uffiċjal tal-Qorti stess ma setgħetx hi stess tispjega fejn hu l-iżball iżda qablet biss li kien hemm żball fir-riferta u għalhekk sar ingassar u seta sar żball fil-ktejjeb tagħha. Fl-ebda mument ma joħroġ ċar liema data hija żbaljata.

Dwar id-data tar-riferta l-Qorti taqbel li hemm possibilità li d-data ngassata (li l-uffiċjal tal-Qorti ma tat l-ebda spjegazzjoni għaliha) hija t-30 ta' Awwissu 2024. Minflok din id-data tnizzlet dik tat-2 ta' Awwissu għaliex l-uffiċjal tal-Qorti tgħid

[18] Seduta tal-20 ta' Novembru 2024 a fol. 542 u seduta tas-6 ta' Mejju 2025 a fol. 591.

li fid-data ta' qabel kien hemm żball u riedet tirranġah meta t-2 ta' Awwissu, kif tgħid il-konvenuta, lanqas hija data possibbli għaliex l-Avviż tas-Smiegħ tal-kawża ħareġ biss fit-8 ta' Awwissu. Għalhekk it-tieni data li nkitbet xorta waħda ma setgħetx kienet data korretta.

Il-ktejjeb imbagħad juri entratura fil-qiegħ tal-paġna tal-ktieb taħt id-data 19 ta' Awwissu. Dwar din id-data wkoll intefgħu dubji għaliex l-inka ta' din l-entratura kienet bħal ta' diversi dati oħra iżda ma tkomplix ma' l-istess inka bħall-entraturi tad-19 ta' Awwissu. L-uffiċjal tal-Qorti tgħid li huwa normali għaliha li tikteb bl-ewwel biro li ssib fil-karozza.

Il-Qorti tara li kien hemm negliġenza kbira f'dan il-każ u li żgur il-Qorti ma tistax b'kuxjenza tasal għal data żgura meta saret in-notifika. Il-Qorti tara li l-iktar data probabbli hija dik ingassata u *ċioé* tat-30 ta' Awwissu anke għaliex in-notifika tal-attur saret qrib dik id-data u proprju fis-27 ta' Awwissu.

Il-Qorti tħoss illi l-kontumaċja tal-konvenuta ma kellha x'taqsam xejn ma' negliġenza min-naħa tagħha, jew iktar u iktar volontarjetà, jew turi *colpa* jew diżrispett lejn il-Qorti, kif titlob il-ġurisprudenza nostrana f'każijiet bħal dawn.

Mhux verosimili illi l-konvenuta, fil-professjoni tagħha ta' avukat, ma fehimtx it-terminu mogħti lilha u fil-fatt hija ntavolat l-eċċezzjonijiet u l-kontro-talba fi żmien li jagħmel sens ma' notifika li saret fl-aħħar ta' Awwissu 2025 u bdiet tattendi mill-ewwel is-seduti, bl-ewwel seduta tkun fid-29 ta' Ottubru 2024. Issa l-Qorti tal-Appell tgħid fis-Senenza ġia kwotata fl-ismijiet **Noel Calleja, George Calleja, Michelle Calleja, Michelangelo u Anna konjugi Calleja vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** "*Din il-Qorti trid taghmilha cara li gustifikazzjoni merament bazata fuq il-prezenza tal-parti mharrka fl-ewwel appuntament tal-kawza m'huwiex bizzejjed bhala turija li ma hemmx dispett jew kontumacja lejn l-awtorita` gudizzjarja. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le."* Fil-fatt il-Qorti tqis l-attendenza tagħha fis-seduti mhux bħala l-uniku aspett li juri li mhux qed turi dispett, iżda flimkien mal-fatturi l-oħra juri li l-konvenuta kienet qed taġixxi proċeduralment b'mod korrett.

Il-Qorti tara li wieħed ikun qed jieħu vantaġġ minn żbalji ta' negliġenza jekk hawn jiddikjara lill-konvenuta bħala kontumaċi u l-Qorti hija konvinta li l-iżball ma kienx tal-konvenuta iżda tal-uffiċjali tal-Qorti, u għalhekk ser tilqa' r-rikors tagħha għaliex tħoss li rnexxielha tiġġustifika l-pozizzjoni tagħha *nonostante* dak allegat mill-attur. Il-konvenuta m'għandhiex tiġi penalizzata minħabba nuqqasijiet ċari u lampanti attribwibbli lejn l-uffiċjali tal-Qorti responsabbli għan-notifika tar-Rikors Ġuramentat ta' l-attur.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, fid-dawl taċ-ċirkostanzi fuq deskritti u abbażi tal-materjal lilha fornit dwar din il-materja, temmen li l-konvenuta qatt ma kienet fi stat ta' kontumaċja, u rnexxielha tiġġustifika u tiddefendi ruħha mill-allegazzjoni ta' kontumaċja proposta mill-attur. Konsegwentement ma tarax li għandu jittieħed provvediment fil-konfront tal-konvenuta, tqis li r-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta ġiet intavolata regolarment, u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż dwar dan l-episodju għandhom jiġu sopportati mill-attur li qajjem din il-kwistjoni.